# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru, 2022.**

**Numru 5**

**Rikors numru 20/2020/1 RGM**

**Emanuel Caruana**

**v.**

**Avukat tal-Istat, Francis Zammit u Alfreda Zammit**

1. L-attur huwa l-proprjetàrju ta' fond li jinsab fi Triq il-Farfett, Marsa, liema fond huwa akkwista b'titolu ta' prelegat mingħand ommu Carmela Caruana. Din il-proprjetà kienet ġiet mogħtija b'konċessjoni enfitewtika temporanja fl-10 ta' Marzu 1977 lil Joseph Bezzina għal perjodu ta' wieħed u għoxrin sena versu ċens ta' Lm30 fis-sena. Joseph Bezzina kien biegħ iż-żmien rimanenti mill-konċessjoni enfitewtika lil Henry Herbert fit-30 ta' Ġunju 1980, li min-naħa tiegħu biegħ iż-żmien rimanenti lil Francis Żammit fit-18 ta' Mejju 1981. Il-konċessjoni enfitewtika skadiet

fid-9 ta' Marzu 1998 u l-attur jgħid li l-konjuġi Żammit baqgħu jirrisjedu f'din il-proprjetà taħt titolu ta' kera bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta. L-attur jilmenta f'din il-kawża illi bis-saħħa tal-liġi l-konjuġi Żammit qed iħallsu kera rriżorja għall-fond in kwistjoni u li għalhekk huwa qiegħed jiġi mċaħħad mit-tgawdija tal-proprjetà tiegħu mingħajr kumpens xieraq. Huwa jsostni wkoll li l-liġi tagħti dritt ta' rilokazzjoni lill-konjuġi Zammit li jagħmilha impossibbli li huwa jirriprendi l-pussess tal-proprjetà tiegħu. Jgħid illi dan huwa bi ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu sanċiti permezz tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "I. Tiddikjara u Tiddeciedi illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet ta' l-Artikolu 12 partikolarment l-Artikolu 12(2) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXIII ta' l-1979, u bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti qeghdin jaghtu dritt ta' rilokazzjoni lill-intimati Francis Zammit (K.I. 854653 M) u Alfreda Zammit (K.I. 9660 M) u jirrenduha impossibli lir-rikorrent li jirriprendi l-pussess tal-fond 78, Triq il-Farfett, il-Marsa, proprjetà tieghu.
>
> II. Konsegwentement Tiddikjara u Tiddeciedi illi qed jigu vjolati d-drittijiet tar-rikorrent ghat-tgawdija tal-proprjetà 78, Triq il-Farfett, il-Marsa bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u b'hekk taghti lir-rikorrent ir-rimedji kollha li jidhrulha xierqa fis-sitwazzjoni.
>
> III. Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli ghall-kumpens u danni sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza ta' l-operazzjonijiet ta' l-Att XXIII ta' l-1979 li ma kreawx bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk ta' l-inkwilini, stante illi ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjetà' in kwistjoni ai termini ta' l-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Ligi.
> IV. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-ligi u ai termini tal-Ligi.

> V. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jhallas l-istess kumpens u danni hekk likwidati u ai termini tal-Ligi.
>
> Bl-ispejjez kollha, u bl-ingunzjoni ta' l-intimati minn issa ghas-subizzjoni."

3. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa, *inter alia,* illi l-attur għandu jġib prova tat-titolu tiegħu, li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli, li l-Istat għandu kull dritt li jippromulga leġislazzjoni sabiex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà fl-interess ġenerali u għandu diskrezzjoni wiesgħa f'dan ir-rigward, li l-liġi mpunjata f'dawn il-proċeduri taqdi għanijiet leġittimi fl-interess ġenerali, li f'dawn iċ-ċirkostanzi mhuwiex meħtieġ li l-kera pagabbli lis-sid tkun ekwivalenti għal dik perċepibbli fuq is-suq liberu, li l-Att X tal-2009 tejjeb il-pożizzjoni tas-sidien tal-kera, li l-leġislatur kompla saħħaħ l-element ta' proporzjonalità billi daħħal fis-seħħ l-Artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta permezz tal-Att XXVII tal-2018 u li jekk il-Qorti ssib li hemm xi ksur ta' drittijiet fondamentali dikjarazzjoni f'dan is-sens tkun rimedju suffiċjenti.

4. Il-konjuġi Zammit eċċepew, *inter alia,* li l-attur aċċetta l-kera li tkopri l-iskadenzi sa Jannar 2021 u għalhekk huwa ma jistax jitlob dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali, li l-proċeduri odjerni huma nulli peress li l-attur ma eżawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli lilu, u li huma mhumiex responsabbli għal kwalunkwe ksur ta' drittijiet fondamentali li seta' sofra l-attur u għalhekk m'għandhomx jiġu misjuba responsabbli għall-ħlas ta' xi danni jew kumpens.

5. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tat-30 ta' Novembru 2021 ġie deċiz hekk:

> "Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat u tal-intimati Zammit konformement ma' dak hawn fuq deċiż,
>
> 1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li bl-operazzjonijiet tal-Artikolu 12, partikolarment l-Artikolu 12 (2) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXIII ta' l-1979 qed jagħtu dritt ta' rilokazzjoni lill-intimati Zammit u minflok kif ulterjorment mitlub qed tiddikjara illi r-rilokazzjoni furzata fuq ir-rikorrent tal-inkwilini Zammit jagħmluha diffiċli u ħaġa x'aktarx inċerta għar-rikorrent li jieħu lura l-pussess tal-proprjetà tiegħu fuq imsemmija;
>
> 2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara u tiddeċiedi illi bl-operazzjonijiet tal-Artikolu 12 (2) tal-Kapitolu 158 kif emendat bl-Att XXIII tal-1979, sal-31 ta' Diċembru 2019, ġew vjolati d-drittijiet tar-rikorrent għat-tgawdija tal-proprjetà tiegħu u ċioe il-fond 78, Triq il-Farfett, Marsa bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta);
>
> 3. Tiddikjara u tordna lill-intimati Zammit ma jibqgħux jistrieħu fuq il-protezzjoni offerta lilhom s'issa mill-Artikolu 12 tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jibqgħu jokkupaw il-fond 78, Triq il-Farfett, Marsa;
>
> 4. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens u danni sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza ta' l-operazzjonijiet ta' l-Att XXIII tal-1979 meta ma ħoloqx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dak ta' l-inkwilin;
>
> 5. Tilqa' ir-raba talba u tillikwida d-danni pekunjarji fis-somma ta' sitta u ħamsin elf u tmien mitt ewro (€56,800) u d-danni non-pekunjarji fis-somma ta' sebat elef u ħames mitt ewro (€7,500)
>
> 6. Tilqa l-ħames talba u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrent is-somma komplessiva ta' erbgħa u sittin elf u tlett mitt ewro (€64,300) rappreżentanti d-danni pekunjarji u non-pekunjarji fuq likwidati.
>
> Bl-ispejjeż kontra l-Avukat tal-Istat, salv l-ispejjeż tal-intimati Zammit li għandhom iħallsu l-ispejjeż tagħhom."

6. Francis u Alfreda Zammit ippreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fl-20 ta' Diċembru 2021 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata billi tħassar dik il-parti fejn huma ġew dikjarati li ma jistgħux jibqgħu jistrieħu fuq il-protezzjoni tal-Artikolu 12 tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta u billi tħassar dik il-parti li biha kkundannathom iħallsu l-ispejjeż tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti.

7. L-Avukat tal-Istat ippreżenta r-risposta tal-appell tiegħu flimkien ma' appell inċidentali fis-27 ta' Diċembru 2021 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tilqa' limitatament l-ewwel żewġ aggravji tal-konjuġi Zammit safejn dan jaqbel mar-raġunament tiegħu u tiċħad it-tielet aggravju tagħhom, u wkoll sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-ksur seħħ biss sal-31 ta' Lulju 2018, u billi tnaqqas l-ammont ta' kumpens li huwa ġie ordnat li jħallas lill-atturi, bl-ispejjeż jitħallsu mill-partijiet l-oħra.

8. L-atturi ppreżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom għall-appell tal-konjuġi Zammit fis-7 ta' Jannar 2022 permezz ta' liema eċċepew li l-appell huwa null u li fi kwalunkwe każ l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

9. L-atturi ppreżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom għall-appell tal-Avukat tal-Istat fis-7 ta' Jannar 2022 permezz ta' liema ssottomettew li l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

10. L-attur ippreżenta nota fl-10 ta' Mejju 2022 permezz ta' liema ndika li l-artikoli tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta li huma leżivi tad-drittijiet tiegħu huma l-Artikoli 3, 4, 5 6, 8, 9, 10, 15, 16 u 16A.

11. Waqt l-udjenza tas-16 ta' Mejju 2022 l-Avukat tal-Istat żamm ferm l-oġġezzjoni tiegħu li jinbidlu l-premessi tar-rikors promotur, filwaqt li l-avukat difensur tal-konvenuti Zammit irrimetta ruħu għat-talba tal-atturi. Iż-żewġ difensuri ddikjaraw li ma kellhomx xi jżidu mal-atti tal-appell u li allura l-kawża setgħet titħalla għas-sentenza, salv dejjem għall-oppożizzjoni tal-konvenuti għat-talba magħmula mill-attur biex issir korrezzjoni fir-rikors promotur.

12. Qabel xejn irid jingħata provvediment dwar it-talba tal-attur sabiex jiġi awtorizzat jagħmel il-korrezzjoni meħtieġa fir-rikors promotur tiegħu biex fl-atti ta' din il-kawża stess jiġi mistħarreġ jekk l-artikolu tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta humiex leżivi tad-drittijiet fondamentali tagħhom, u dan minflok id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 158 tal-liġijiet ta' Malta li minflok kienu ġew invokati. L-Avukat tal-Istat oġġezzjona għal din it-talba għaliex sostna li l-korrezzjoni mitluba mill-attur ser tibdel is-sustanza tal-kawża kontra dak dispost fl-Artikolu 175(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

13. Din il-Qorti ma taqbilx li l-korrezzjoni mitluba mill-attur ser tibdel is-sustanza tal-kawża ntavolata minnu. Il-kawża tal-attur hija bbażata fuq il-fatt li huwa qed isofri ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu sanċiti permezz tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba t-titolu ta' inkwilinat protett tal-konvenuti Zammit, u partikolarment ir-restrizzjoni stabbilita fil-liġi dwar il-kera pagabbli minnhom. Il-korrezzjoni mitluba mill-attur ser tibdel biss is-sors tal-liġi li allegatament toħloq din il-protezzjoni għall-inkwilini Zammit u l-allegat konsegwenti ksur ta' drittijiet fondamentali tiegħu.

14. Il-Qorti tkompli billi tosserva li nonostante l-korrezzjoni proposta mill-attur, il-provi tal-partijiet x'aktarx ser jibqgħu eżatt l-istess, partikolarment f'dak li jirrigwarda ir-relazzjoni tal-perit tekniku, u saħansitra d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx x'iżidu dwar il-mertu tal-kawża li tista' titħalla għas-sentenza. Ikkonsidrat li jekk it-talba tal-attur għall-korrezzjoni ma tiġix milqugħa il-kawża tista' tiġi riproposta minnu, il-Qorti tqis li ma jkunx fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju u tal-partijiet stess li t-talba tal-attur għall-korrezzjoni ma tiġix milqugħa b'mod li l-partijiet ikollhom jerġgħu jinkorru għall-darba oħra l-ispejjeż kollha diġà inkorsi minnhom.

15. Għaldaqstant il-Qorti tqis li t-talba tal-attur għall-korrezzjoni fir-rikors promotur tiegħu qed tiġi milqugħa billi tawtorizza l-korrezzjoni

mitluba minnu u tordna li kull fejn hemm il-kliem “Kapitolu 158” fir-rikors promotur tal-attur jiżdiedu l-kliem “u/jew il-Kapitolu 69.”

**Ikkonsidrat;**

**L-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell prinċipali tal-konjuġi Zammit**

16. L-attur jikkontendi li r-rikors tal-appell tal-konjuġi Zammit huwa null għaliex fih ġie ndikat li kien qiegħed jiġi preżentat quddiem il-Qorti tal-Appell Ċivili u mhux il-Qorti Kostituzzjonali. L-attur jeċċepixxi wkoll li l-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat huwa irritu u null ġaladarba l-appell prinċipali tal-konvenuti Zammit huwa rritu u null. Fir-rigward tal-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat l-attur jeċċepixxi wkoll nullità għaliex skont hu, ġaladarba l-appell prinċipali sar mill-konvenuti Zammit, u ġaladarba ma sarx appell mill-konjuġi Zammit dwar is-sejbien ta’ leżjoni ta’ drittijiet fondamentali allura jfisser li l-Avukat tal-Istat m’għandux dritt jappella mid-danni akkordati mill-Ewwel Qorti.

17. Il-Qorti tqis li m’hemm l-ebda ħtieġa li tkompli tiddetermina l-appell u l-appell inċidentali, inkluż il-kwistjoni dwar il-validità tiegħu mqajma mill-attur, ġaladarba jirriżulta li s-sentenza appellata ngħatat fuq binarju żbaljat peress li l-konvenuti Zammit m’akkwistaw l-ebda kirja bis-saħħa

tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk is-sentenza appellata ser titħassar fl-intier tagħha, u ser terġa' tiġi deċiża fuq il-binarju tal-Kap. 69.

**L-eċċezzjonijiet preliminari**

18. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa preliminarjament li l-attur għandu jġib prova tat-titolu tiegħu fuq il-proprjetà in kwistjoni.

19. Il-Qorti rat li għall-finijiet tal-prova tat-titolu tiegħu l-attur ippreżenta t-testmenti ta' ommu Carmela Caruana u dikjarazzjoni *causa mortis* li saret fit-12 ta' Ġunju 2001. Fid-dikjarazzjoni *causa mortis* ġie dikjarat li omm l-attur Carmela Caruana kienet is-sid tal-fond in kwistjoni u li l-attur wiret l-istess fond permezz ta' prelegat. Min-naħa tiegħu l-Avukat tal-Istat bl-ebda mod ma kkontesta l-awtentiċità jew il-validità ta' dawn id-dokumenti u d-dikjarazzjonijiet magħmula fihom. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li f'dawn il-kawżi l-attur mhuwiex meħtieġ li jressaq prova ta' titolu assolut jew oriġinali bħal ma huwa meħtieġ f'azzjoni *vendicatoria*. Il-Qorti tqis għalhekk li għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri l-attur ressaq prova sodisfaċenti li ta t-titolu tiegħu fil-fond in kwistjoni.

20. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa preliminarjament ukoll li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli f'dawn il-proċeduri peress li dan l-

artikolu japplika biss fejn ikun hemm teħid forżuz ta' proprjetà li mhuwiex il-każ.

21. Il-Qorti tosserva li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma japplikax minħabba dak li jingħad fl-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni (ara per eżempju **Anthony Debono et v. L-Avukat Ġenerali et** (08/10/2020) u **Michael Farrugia et v. L-Avukat Ġenerali et** (06/10/2020).

22. Il-konvenuti Schembri eċċepew preliminarjament li din l-azzjoni hija nulla stante li l-attur ma eżawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli lilu u fil-fatt intavola rikors bin-numru 14/2020 quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera li għadu mhux deċiż permezz ta' sentenza finali.

23. Il-Qorti tirrileva li l-emendi li ġew introdotti fil-liġi, anke dawk introdotti fir-rigward tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, ma joffru l-ebda rimedju għal kwalunkwe ksur li l-attur seta' sofra qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom. Għalhekk kwalunkwe azzjoni li ġiet intavolata taħt il-liġi l-ġdida mhijiex relevanti għal dawn il-proċeduri peress li ma' tista' tagħti lill-attur l-ebda rimedju għal kwalunke leżjoni ta' drittijiet li setgħet ġiet sofferta minnu qabel id-dħul fis-seħħ tal-emendi. Għaldaqstant huwa ċar li din l-eċċezzjoni hija infondata u qed tiġi miċħuda.

**Il-Mertu**

24. L-attur jilmenta li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta huma leżivi tad-drittijiet fondamentali tiegħu u dan peress illi jagħtu dritt ta' rilokazzjoni lill-konvenuti Schembri filwaqt li jillimitaw il-kera pagabbli għal waħda rriżorja li ma tirriflettix il-valur lokatizju tal-fond in kwistjoni fuq is-suq liberu.

25. Mill-provi jirriżulta li wara li ntemmet il-konċessjoni enfitewtika l-attur baqa' jaċċetta l-kera mingħand il-konvenuti, b'mod illi nħolqot relazzjoni ta' lokazzjoni bejniethom. Il-Qorti ma taqbilx però li qatt kien hemm xi relazzjoni ta' lokazzjoni forzata bejn l-attur u l-konvenuti Schembri jew dritt ta' rilokazzjoni favur il-konvenuti Schembri li l-attur ma setax jirrifjuta. Il-konċessjoni enfitewtika in kwistjoni skadiet fid-9 ta' Marzu 1998. Però, l-Artikolu 46 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta espressament jipprovdi li d-disposizzjonijiet ta' dik l-Ordinanza "ma għandhomx ikunu japplikaw għall-kiri ta' xi fond li jsir fl-1 ta' Ġunju, 1995 jew wara dik id-data", u dan ħlief għall-Artikolu 16 sa 45. Huwa ċar għalhekk li l-kirja in kwistjoni qatt ma kienet regolata bid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif jikkontendi l-attur.

26. Il-Qorti tosserva li għalkemm fin-nota tiegħu tal-10 ta' Mejju 2022 l-attur indika li l-Artikoli 16 u 16A tal-Kapitolu 69 huma leżivi tad-drittijiet

fondamentali tiegħu huwa bl-ebda mod ma spjega kif dawn iż-żewġ artikoli jilledu d-drittijiet fondamentali tiegħu hekk kif sanċiti permezz tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea billi jagħtu lill-konvenuti dritt ta' rilokazzjoni u/jew ma jirriflettux is-suq u l-valur lokatizju tal-fond proprjetà tiegħu. L-Artikolu 16 jirregola l-kompożizzjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera filwaqt li l-Artikolu 16A jirregola l-proċedura li għandha tiġi segwita fl-intavolar tal-kawżi quddiem l-istess Bord, inkluż meta huwa possibbli li jsiru proċeduri sommarji. Ma jidhirx għalhekk li xi wieħed minn dawn l-artikoli jilledi d-drittijiet fondamentali tal-attur bil-mod li dwaru qiegħed jilmenta.

27. Għaldaqstant, ġaladarba jirriżulta li t-titolu ta' kera li bih il-konvenuti Schembri jinsabu fil-pussess tal-fond in kwistjoni mhuwiex wieħed protett bis-saħħa tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, m'hemm l-ebda lok li din il-Qorti tkompli teżamina l-mertu tal-ilment tal-attur għaliex it-talbiet attriċi huma manifestament insostenibbli.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma japplikax, u filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħra tal-konvenuti, tiċħad it-talbiet attriċi stante li ma jirriżultax li l-konvenuti Schembri jgawdu minn titolu ta' kera protett bis-saħħa tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-konvenuti Schembri jitħallsu mill-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr